**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 5 ta' Mejju , 2016

Rikors Nru : 107/11 AL

**A B**

**-vs-**

**C B**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti li permezz tieghu ippremetta :

1. Illi r-rikorrent u l-konvenuta zzewgu fis-sena 1997 u kellhom tliet ulied, isimhom K R, Y M u F, ilkoll minuri.
2. Illi l-hajja taz-zwieg bejn il-partijiet kontendenti saret impossibbli minhabba adulterju, eccessi u ingurji gravi da parti tal-konvenuta fil-konfront tar-rikorrent attur, u z-zwieg taghhom jinsab imfarrak b'mod irrimedjabbli.
3. Illi in forza ta' Digriet li jgib in-numru 188/2011 giet moghtija l-awtorizzazzjoni mill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) biex issir il-kawza ghas-separazzjoni personali bejn il-partijiet, u r-rikorrent qieghed jipprevalixxi ruhu skont il-ligi biex jipprononi din il-kawza.

Talab li l-konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

i. Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet kontendenti ghal ragunijiet imputabbli lill-konvenuta u ghall-finijiet tal-Artikolu 48 (C) tal-Kodici Civili (Kap 16) tistabilixxi d-data meta l-istess konvenuta ghandu jkun kunsidrata li minnha kienet hatja tal-firda.
ii. Tawtorizza lir-rikorrent attur illi jghix separatament mill-konvenuta martu ;
iii. Tordna illi l-kura u l-kustodja tal-ulied minuri fuq imsemmija tal-partijiet tigi fdata f'idejhom konguntament, u tiffissa dawk il-modalitajjiet ta' residenza u access illi jkunu fl-ahjar interess tal-istess ulied;
iv. Tistabilixxi l-kontribut in linea ta' manteniment ghall-ulied minuri fuq imsemmija li ghandu jigi maghmul rispettivament mill-partijiet kontendenti;
v. Tapplika kontra l-konvenuta, interament jew in parti, id-disposizzjonijiet tal-artikoli 48 u 51 tal-Kodici Civili (Kap 16);
vi. Tiddikjara xjolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet u tordna l-istess effetti formanti parti mill-komunjoni jigu divizi f'zewg porzjonijiet komposti kif jigi ordnat minn din il-Qorti fid-dawl ukoll tad-data meta l-konvenuta ghandu jkun konsidrat li minnha kienet hatja tal-firda, liema porzjonijiet jigu assenjati wahda lir-rikorrent u l-ohra lill-konvenuta, billi okkorrendo jigi nominat perit biex jaghmel il-likwidazzjoni mitluba u jipproponi pjan ta' divizjoni, nutar pubbliku biex jircievi l-att relattiv u kuratur biex jirraprezenta lill-eventwali kontumaci fuq l-istess att;
vii. Tordna lill-konvenuta biex trodd lura lir-rikorrent l-effetti parafernali kollha tieghu; u
viii. Tawtorizza lir-rikorrent illi jirregistra fir-Registru Pubbliku, is-sentenza eventwalment moghtija minn din il-Qorti;

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-proceduri tal-medjazzjoni bejn il-partijiet, kontra l-konvenuta ingunta in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-attrici;

Rat ir-risposta guramentata tal-intimata li biha eccepiet :

1. Illi l-esponenti qed topponi ghall-ewwel talba tal-attur ghar-rigward tal-pronunzja tas-separazzjoni personali bejn il-kontendenti, fis-

sens li l-htija ghas-separazzjoni ghandha tigi attribwita unikament lill-attur in vista tal-abbuz sesswali da parti tieghu fuq ulied il-kontendenti il-minuri Janica u F B meta dawn kellhom sitt u hames snin rispettivament; u dan hekk kif ser jigi ppruvat fit-trattazzjoni ta' din il-kawza;

2. Illi inoltre, mhuwiex minnu li l-esponenti kienet hatja ta' adulterju, sevizzi, eccessi u ingurji gravi kommessi kontra l-attur matul iz-zmien illi l-konjugi B kienu qed jghixu flimkien u ghaldaqstant l-ewwel talba tal-attur ghandha tigi michuda stante li m'ghandomx japplikaw kontra l-esponenti s-sanzjonijiet previsti fl-artikolu imsemmi;
3. Illi l-esponenti taqbel li l-Qorti ghandha tawtorizza l-kontendenti sabiex jghixu separatament minn xulxin stante li huma ilhom jghixu separati de facto ghal bosta snin;
4. Illi l-esponenti qed topponi t-talba tal-attur ghar-rigward tal-kura u kustodja tat-tfal minuri, fis-sens li l-kura u kustodja tal-istess tfal minuri ghandha tibqa` tigi fdata unikament f'idejn l-esponenti ommhom primarjament minhabba l-fatt li l-attur ghandu storja ta' abbuz sesswali fuq l-istess uliedhom minuri; u barra minn hekk, l-attur m'ghandux residenza tieghu fejn jista` jilqa` lill-istess uliedhom u fil-fatt, huwa jghix mal-komkubina tieghu gor-residenza taghha. Ukoll ghal dawn is-snin l-ulied minuri dejjem ghexu taht il-kura u l-kustodja ta' ommhom. Inoltre, l-esponenti titlob li kwalsiasi access mill-attur ghandu jsir taht supervizjoni biex jigi assigurat lilli kemm l-attur kif ukoll il-konkubina tieghu jew persuna ohra li tkun qed takkumpanjah, ma jkunux ta' skandlu ghall-minuri.
5. Illi l-esponenti taqbel illi din l-Qorti ghandha tiffissa kontribut ta' manteniment li l-attur ghandu jhallas ghat-tfal minuri, u fil-fatt, din il-Qorti kienet ordnat lill-attur sabiex ihallas LM 140 (€ 326.11) fix-xahar ghat-tfal minuri, liema pagamenti ta' manteniment l-attur mhux dejjem jaghmilhom b'mod regolari. L-esponenti topponi ghat-talba tal-attur li hi ghandha tikkontribwixxi xi manteniment tat-tfal, u dan peress li t-tfal jghixu esklussivament maghha u ghaldaqstant, hi thallas ghall-bzonnijiet kollha taghhom bhal edukazzjoni, ikel, bzonnijiet ta' kuljum, ilbies, unformijiet, medicianti, u attivitajiet extra-kurrikulari ecc.
6. Illi l-hames talba ghandha ukoll tigi michuda stante li m'ghandhomx jigu applikati kontra l-esponenti s-sanzjonijiet previsti fl-artikoli imsemmija.
7. Illi ghar-rigward tal-komunjoni tal-akkwisti esistenti bejn il-partijiet, l-esponenti tiddikjara li d-dar matrimonjali hija proprjeta parafernali taghha. L-ghamara tal-istess dar kienet inbieghet mill-esponenti, u

dan peress li hi ma setghetx tlahhaq mal-ispejjez tal-hajja wara li l-attur waqaf milli jhallas il-manteniment ghall-minuri wliedu.

8. Illi s-seba` talba attrici ghandha tigi michuda stante li l-esponenti tichad kategorikament li ghandha xi effetti parafernali tal-attur;
9. Salv eccezzjonijiet ulterjuri u b'riserva ghal kontro-talba tal-esponenti kontra l-attur pprezentata kontestwalment mal-prezenti.

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenuta;

Semghet lix-xhieda illi tressqu;

Rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi li gew prodotti u l-atti ta' dan il-procediment;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat:

Illi il-Qorti ghandha quddiemha kawza ta' separazzjoni personali bejn il-partijiet, b'dan li min-naha tieghu l-konvenuta taqbel li ghandha tigi pronunzjata s-separazzjoni personali ta' bejniethom, izda ghal ragunijet li huma imputabbli lill-istess attur. L-attur qieghed jitlob ukoll li l-kura u kustodja tal-minuri tkun fdata b'mod kongunt bejn il-partijiet, izda l-konvenuta qeghda topponi din it-talba.

**<u>Verzjoni attur</u>**

L-attur xehed permezz ta' affidavit[1] li permezz tieghu iddikjara s-segwenti:

Huwa jghid li matul is-sena 2006 huwa kien induna li martu kien qieghed ikollha relazzjoni ma' certu David Debono u fl-istess zmien il-konvenuta ressqet rapport lill-pulizija fis-sens li huwa kien abbuza minn uliedu Y u F, liema process verbal illum gie konkluz mill-Magistrat Inkwirenti. Ma ttiehed l-ebda pass iehor kontra l-attur f'dan ir-rigward. Il-konvenut dejjem cahad li qatt ghamel xi hsara lil uliedu u huwa konvint li l-konvenuta kellha pjan preciz li irnexxa, ghaliex waqt li kellha relazzjoni adultera, teghet dawl ikrah fuq ir-reputazzjoni tal-konvenut li spicca

[1] A fol 74 tal-process

ordnat li jitlaq mid-dar matrimonjali fit-22 ta' Settembru 2006. Il-Qorti sussegwentement ordnat biex l-attur jara lil uliedu fil-bini ta' l-Agenzija Appogg. David Debono kien jidhol fid-dar matrimonjali tal-partijiet waqt ir-relazzjoni li kellu mal-konvenuta. Il-konvenut jghid li kellu garaxx parafernali u li sussegwentement dan bieghu.

## Verzjoni konvenuta

Il-konvenuta tixhed ukoll permezz ta' affidavit[2]. Hija tghid li l-attur kellu problema kbira ta' xorb u semmiet diversi okkazjonijiet fejn il-konvenut kien ikun f'sakra kbira u xi drabi wkoll kien jintemm l-impjieg ta' l-attur. Hi issemmi li l-problema baqghet ghaddeja hafna snin, anke meta kien ikun mistieden f'tigijiet l-attur kien jispicca f'sakra kbira. Hija kienet tinsisti ma' l-attur biex imur jaghmel xi sessjonijiet l-*alcoholics anonymous*. Hi tghid li uliedha l-bniet fethu qalbhom ma' ommha fis-sens li l-attur kien qieghed jabbuza minnhom u hemmhekk tghid li bdiet sensiela ta' inkwiet u hi bdiet tghix hajja ta' terrur, tkissir u nuqqas ta' flus. Hija tghid li fis-sena 2006, l-attur gie arrestat u akkuzat b'abbuz fuq uliedu. Il-konvenuta telqet mid-dar u marret l-Ghabex u wara li l-Qorti ordnat lill-attur jitlaq mid-dar matrimonjali, regghet irritornat fiha. F'dan iz-zmien, l-attur kien ghamel frodi fuq flus u iffirma falz ghan-nom tal-konvenuta u fil-fatt kien hemm kawza dwar dan il-kaz, l-attur kien iffirma cekk f'isimha biex huwa jigbed is-somma ta' Lm8,541.43 li kienu gejjin minn Life Policy. Meta l-attrici marret lura d-dar, sabet li l-attur kien qata' d-dawl, l-ilma u telefon u hafna affarijiet mid-dar u halla d-dar kwazi vojta ghajr ghas-sodod u l-kcina, lanqas hwejjeg x'jilbsu ma hallielhom. Wara li telaq mid-dar, l-attrici tghid li l-attur mar jghix ma' mara mizzewga. L-attrici tammetti wkoll li kellha relazzjoni ma' David Debono li semma l-attur u tghid li l-istess attur kien jaghmel hafna hsara fuq il-vetturi propjeta' ta' dan Debono u gieli tela' l-Qorti u wehel diversi multi. Il-konvenuta tghid li l-attur dejjem taha terturi biex ihallasha l-manteniment ghat-tfal. Fil-fatt issa qed ihallas regolari ghaliex gieli instab hati ta' nuqqas ta' hlas ta' manteniment mill-Qorti tal-Magistrati. Hu jghaddi manteniment ghat-tfal il-bniet biss, peress li t-tifel il-kbir K mar jghix ma' l-attur. Hija tghid ukoll li l-attur jtiha t-terturi biex jinhareg passaport ghal uliedhom. Il-konvenuta

[2] A fol 129 tal-process

tghid li hija kienet lesta tghaddilu kamra tas-sodda u sufan ghas-saldu tal-komunjoni ta’ l-akkwisti.

Il-konvenuta xehdet ukoll *viva voce*[3] u tghid li bint il-partijiet marida serjament u tghid li l-attur imissu kien responsabbli bizzejjed biex jigi l-isptar u jara x’inhu jigri. Tikkonferma li kellha relazzjoni ma’ David Debono li bdiet fis-sena 2007 u spiccat fis-sena 2011. Illum qeghda f’relazzjoni ma’ Joseph Bonnici. Tghid li d-dar hija parafernali taghha u li qabel iz-zwieg l-attur ghamel it-tarag ta’ l-irham fl-ammont ta Lm1100 u l-bibien fl-ammont ta’ Lm1400. Qabel iz-zwieg, huwa xtara wkoll kamra tas-sodda. Hi tghid li l-attur kellu garaxx li nbiegh ghal Lm15,000 u Lm8000 minn dawn il-flus gew investiti fil-Middlesea Life Insurance u l-bilanc siefru bih u xtraw affarijiet ghat-tfal. Ghandhom karozza Daihatsu Terios u karozza Lada, wahda mohbiha mill-attur u l-ohra juzaha hu.

## Il-provi migbura

Illi jixhed David Debono[4] li jghid li huwa ilu jaf lill-konvenuta ghal iktar minn hames snin u ltaqghu l-ewwel darba l-iskola tat-tfal ghaliex xogholu huwa bil-minibus. Saru hbieb u bdew johorgu flimkien u beda jkollhom x’jaqsmu sesswalment fid-dar tieghu u damu xi tlett snin u nofs flimkien. Hu jghid li l-konvenut kienet temperamentali. Huma siefru darbtejn flimkien, darba l-Italja u darb’ohra cruise. Hu jghid li kien ikollu l-argumenti mar-ragel tal-konvenuta fiz-zmien meta kienu flimkien.

Illi xehdet Anna Cortis[5] li tigi oht l-attur u qalet li fis-sena 2006 l-attur kien qalilha li martu kellha ragel iehor. Qalilha wkoll li l-konvenuta marret ghand il-Pulizija u irrappurtat li hu kien qieghed jabbuza mit-tfal u llum l-attur qed jghix fid-dar ta’ommu.

Illi xehed Francis B[6] li jigi hu l-attur. L-attur kien kellmu dwar l-inwkiet li kellu mal-mara madwar sitt jew seba` snin ilu ghax kellu suspetti li martu kellha wicc haddiehor u kien qabadha ma’ persuna jishimha David. Fil-

---

[3] A fol 60 tal-process xhieda datata 14 ta’ Gunju 2013
[4] A fol 37 tal-process ara xhieda datata 28 ta’ Frar 2013
[5] A fol 41 tal-process ara xhieda datata 11 ta’ Gunju 2013
[6] Ibid 4

fatt huwa ra lil dan David mal-konvenuta kull sena fil-festa ta' San Guzepp minn sitt snin ilu sa sentejn ilu u gieli jkun hemm it-tfal maghhom.

Xehdet ukoll M Lourdes Caruana[7] li tigi oht l-attur u tikkonferma wkoll dak kollu li qalu x-xhieda ta' qabel.

Illi giet ipprezentata citazzjoni u process ta' kawza[8] dwar falsifikazzjoni ta' cekk fl-ammont ta' Lm8512.71. L-Ispettur Angelo Gafa fil-proceduri kriminali jghid li l-attur ikkonfermalu li huwa sarraf dawn il-flus u hadhom[9]. Fil-fatt l-istess attur jikkonferma dan fl-istqarrija rilaxxjata lill-Pulizija[10].

L-attur ipprezenta elenku ta' mobbli u xogholijiet li saru minnu qabel u matul iz-zwieg. Il-valuri huma kemm kienu jiswew l-oggetti meta saru l-affarijiet u dan saru qabel u wara z-zwieg. Huwa jipprezenta wkoll dokument li gie elenkat permezz ta' mandat ta' deskrizzjoni tad-dar. Dok X[11] huwa elenku redatt mill-attur ta' affarijiet mixtrija fiz-zwieg. A fol 66 hemm ukoll elenku redatt mill-attur ta' affarijiet mixtrija minnu qabel iz-zwieg u Dok Y[12] huwa elenku ta' affarijiet ipprezentati ma' mandat ta' deskrizzjoni ta' l-oggetti li kien ghadhom jinsabu fid-dar matrimonjali meta telaq minnha l-attur.

Flimkien ma' l-affidavit tieghu, l-attur ipprezenta l-process verbal ta' l-akkuza li kienet saret lilu dwar l-abbuz tat-tfal, li huwa datat 11 ta' Mejju 2009[13], li fih il-Magistrat jghid li "ftit li xejn hemm x'jista' jorbot l-abbuz mal-operat tal-missier u filwaqt illi dan jista' jissodisfa t-test ta' prima facie biex il-Magistrat jordna li jittiehdu proceduri kriminali kontra l-missier, wiehed irid joqghod daqsxejn attent ghal konsegwenzi psikologici li jista' jigu kkawzati lit-tfal."

[7] Ara fol 42 tal-process ara xhieda datata 11 ta' Gunju 2013
[8] Ara fol 48 tal-process
[9] Ara fol 51 tal-process
[10] Ara fol 57 tal-process
[11] A fol 65 tal-process
[12] Ara fol 67 tal-process
[13] Ara fol 78 et seq tal-process

Gie ipprezentat ukoll rikors mill-konvenuta[14] li kien sar fit-2 ta' Marzu 2007 biex l-access ghall-minuri jibda jsir b'mod supervizjonat.

L-attur ipprezenta wkoll kuntratt li permezz tieghu fis-sena 1994 meta kien ghadu guvni, kien xtara garaxx f'Arcade Street, Paola[15]. Huwa ipprezenta wkoll kuntratt li permezz tieghu biegh l-istess garaxx fis-sena 1998[16].

Il-konvenuta flimkien ma' l-affidavit taghha, ipprezentat zewg kopji ta' ritratti li juru ghajnejha[17]. Ipprezentat ukoll zewg kwereli datati 15 ta' Mejju 2006 u 11 ta' Mejju 2006 dwar incident li kien inqala bejn il-partijiet[18]. Ipprezentat ukoll kopja ta' certifikat mahrug minn ginekologista datat 7 ta' Frar 2006 liema tabiba kienet rat lill-minuri F B[19]. Ipprezentat ukoll rikors li kienet ghamlet biex l-access ghall-minuri jkun supervizjonat u d-digriet mahrug fil-21 ta' Marzu 2007[20]. Ipprezentat ukoll rikors biex il-attur jigi zgumbrat mid-dar matrimonjali u d-digriet anness, datat 22 ta' Settembru 2006, fejn il-Qorti laqghet it-talba biex l-attur jizgombra mid-dar matrimonjali u l-Qorti ordnat biex l-intimat jibda jhallas manteniment ta' mija u erbghin lira Maltin (Lm140) fix-xahar ghall-minuri u sittin lira (Lm60) ghaliha fix-xahar. Gew prezentati wkoll kopja tal-policy li l-partijiet kellhom mal-Middlesea u l-flus li gew imsarrfin permezz ta' cekk li dwaru gie investigat l-attur.[21]. Gew ipprezentati wkoll diversi kawzi mill-Pulizija kontra l-attur, inkluz ukoll diversi kwereli li kienet taghmel il-konvenuta talli ma tkunx qeghda tircievi l-manteniment fiz-zmien stipulat[22]. Gew ipprezentati zewg rikorsi li l-konvenuta ghamlet lill-Qorti biex jinhargu l-passaporti ghan-nom tal-minuri[23].

---

[14] Ara fol 83 tal-process

[15] Ara fol 85 tal-process kuntratt fl-atti tan-Nutar George Cassar datat 15 ta' Dicembru 1994

[16] Ara fol 90 tal-process kuntratt fl-atti tan-Nutar Mario Bugeja datat 14 ta' Novembru 1998

[17] A fol 132 tal-process

[18] A fol 133 u 135 tal-process

[19] A fol 136 tal-process

[20] A fol 139 tal-process

[21] A fol 143 et seq tal-process

[22] A fol 147 sa fol 161 tal-process

[23] A fol 162 tal-process

Illi xehdet ukoll Rita Borg u ikkonfermat li qeghda f'relazzjoni ma' l-attur u qalet li ilha tafu mis-sena 2006 u ilha tghix mieghu ghal seba' snin. Hi tghid li l-attur jghinha fl-ispejjez ghall-hajja izda mhux ghal-hlas ta' kera[24].

Il-Qorti qeghda tinnota wkoll li l-Agenzija Appogg ipprezentat nota fid-29 ta' Dicembru 2011 fejn qalet li l-access b'supervizjoni beda jsir sew u l-minuri kienu qed jiehdu pjacir iqattghu hin ma' missierhom, izda minhabba motivi ta' xoghol, il-missier talab li l-access jibda jinzamm nhar ta' Sibt u peress li l-minuri ghandhom impenji ohra nhar ta' Sibt, l-access mhux qieghed isir.

**<u>Dwar it-talba ghas-separazzjoni personali u r-responsabbilita' ghat-tifrik taz-zwieg</u>**

Dwar l-ewwel talba, u cioe' dik relatata mat-talba ta' separazzjoni personali bejn il-partijiet, il-Qorti taghmel referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Scicluna M Dolores Sive Doris Vs Scicluna Anthony**[25] fejn gie ritenut li "***Sabiex tintalab is-separazzjoni personali mhux mehtieg li jikkonkorru l-eccessi, is-sevizzji, it-theddid u l-ingurji gravi, izda kull wahda minn dawn ir-ragunijiet wahedha hija sufficjenti***" u zzid tghid li "***Il-ligi tqieghed bhala motivi li jiggustifikaw l-azzjoni l-episodji saljenti tal-hajja konjugali u mhux incidenti minuri…..Ghal dak li jirrigwarda theddid u vjolenzi l-ligi tikkontenta ruhha bil-persistenza f'certa mgieba hazina u mhux b'xi atti izolati waqt xi tilwima***".

Il-Qorti taghmel referenza wkoll ghall-kawza fl-ismijiet **Tabone Lea pro et noe vs Tabone Jesmond**[26] u **Greengrass Hugh vs. Greengrass Lucia**[27] fejn gie ritenut li "***Ghal dak li jirrigwarda theddid u vjolenzi l-***

---

[24] A fol 171 tal-process

[25] Deciza nhar is-27 ta' Novembru 2003 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Cit Nru 1715/2001)

[26] Deciza nhar it-2 ta' Ottubru 2003 mill- Prim'Awla tal-Qorti Civili (Rik Ġur Nru 1396/2001)

[27] Deciza nhar it- 2 ta' Ottubru 2003 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Rik Ġur Nru 98/2002)

***ligi tikkontenta ruhha bil-persistenza f'certa mgieba hazina u mhux b'xi atti izolati waqt xi tilwima***" u zzid tghid ukoll li "***Sabiex tigi promossa t-talba ghas-separazzjoni mhux mehtieg kumulu ta` kawzali, kull wahda mill-kawzali ta' sevizji, it-theddid u l-ingurji gravi hija sufficjenti sabiex jigu vjolati r-rigwardi tal-konvivenza konjugali***".

Dwar l-ewwel talba il-Qorti qed taghmel referenza wkoll ghall- Artikolu 38 tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta li jsegwi hekk:

***"Kull parti miżżewġa tista' titlob il-firda minħabba l-adulterju tal-parti l-oħra".***
Dan necessarjament ifisser li l-adulterju, huwa raguni valida bizzejjed ghall-qorti sabiex tilqa' t-talba ghal separazzjoni personali bejn koppja u dan stante li kif sostniet il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kawza fl-ismijiet : Greengrass Hugh vs Greengrass Lucia[28] fejn gie ritenut li: ***"L-adulterju hija bla dubju l-kawza l-izjed gravi li ghaliha l-ligi tawtorizza s-separazzjoni personali",***
Il-kwistjoni kollha ddur fuq il-prova tal-istess adulterju u jekk min jallegaha, jistax fattwalment jaghti prova ta' dan. F'dan l-istadju, din il-qorti taghmel referenza wkoll ghall-kawza fl-ismijiet M Dolores sive Doris Scicluna vs Anthony Scicluna[29] fejn gie dikjarat li:
***"L-adulterju minn dejjem gie meqjus bhala l-kawzali l-aktar gravi li ghaliha l-ligi tawtorizza s-separazzjoni personali ...... Huwa ormai pacifiku fid-dottrina u fil-gurisprudenza li l-adulterju jista' jkun pruvat per mezz ta' indizzji u prezunzjonijiet, purche' dawn ikunu gravi, precizi u konkordanti, b'mod li ma jhallu ebda dubju f'min ghandu jiggudika".***

Il-Qorti wara li rat il-provi kollha esebiti, hija konvinta sal-grad rikjest mil-Ligi li z-zwieg bejn il-partijiet tkisser irrimedjabbilment u konsegwentment hemm lok ghall-pronunzja ghas-separazzjoni personali bejn il-partijiet. Ghal dan jahtu z-zewg partijiet, li bil-komportament taghhom it-tnejn wegghu lil xulxin psikologikament u emozzjonalment.

[28] Deciza nhar it-2 ta' Ottubru 2003 mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili

[29] Deciza nhar is-27 ta' Novembru 2011 mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili

Il-Qorti ghandha f'idejha l-verzjoni attrici u l-verzjoni konvenut, verzjonijiet opposti ghal xulxin, li jikkuntradixxu lil xulxin, izda li qed jaghtu stampa cara ta' kif bdiet sejra lura l-hajja matrimonjali taghhom.

Dwar l-allegazzjoni ta' l-abbuz tal-minuri da parti tal-konvenut, il-Qorti tosserva, li primarjament dawn l-allegazzjonijiet ma gewx issostanzjati sufficjentement. Irrispettivament mill-fatt li kien hemm investigazzjoni, fl-istess *process verbal* l-ulied ma' jelaborawx fuq dan il-fatt, u ghalhekk tibqa' biss allegazzjoni. Min-naha tieghu, l-attur jikkontendi li din l-allegazzjoni saret min-naha tal-konvenuta biex b'xi mod jew iehor tipprova tiggustifika l-adulterju kommess minnha, biex tbeghdu minn uliedhom u biex tkeccih mid-dar matrimonjali, li hija parafernali taghha.

Peress li ma saru l-ebda kontro-ezamijiet tal-partijiet u l-verzjonijiet taghhom moghtija permezz ta' affidavit ma gewx kontraddetti, l-Qorti trid tasal ghad-decizjoni taghha fuq bazi ta' kredibbilita'. Fuq il-punt imsemmi hawn fuq, il-Qorti hija iktar propensa li temmen lill-attur u mhux lill-konvenuta ossia, li huwa minnu li l-konvenuta holqot storja dwar abbuz biex tipprova tiggustifika l-adulterju li ikkommettiet. Il-Qorti waslet ghal din il-konkluzjoni ghaliex ma setghetx ma tinnutax li fl-affidavit tal-konvenuta, hija tghid li f'Settembru 2005 it-tfal bniet tal-partijiet fethu qalbhom li missierhom kien qieghed jabbuza minnhom u taghmel referenza ghal Dok NG4 (a fol 136 tal-process) li huwa kopja ta' certifikat li ma juri l-xejn ghajr data li ma tikkombacax ma' Settembru 2005 ghaliex iggib id-data tas-7 ta' Frar 2006. Iktar minn hekk, hi tghid li r-ragel taghha gie arrestat fis-7 ta' Frar 2006, meta huwa car li r-rapport sar fit-8 ta' Marzu 2006, skont kif indikat fil-process verbal ta' l-akkuza a fol 79 tal-process. Jidher li l-attur ma giex arrestat u akkuzat fi Frar 2006 kif qed tipprova tghid il-konvenuta. Dan il-loghob bid-dati fl-affidavit tal-konvenuta, huwa tentattiv biex tipprova tiggustifika li hija kkommettiet adulterju ghax kien inqala l-inwkiet iktar qabel bejn il-partijiet, a bazi ta' din l-allegazzjoni.

Illi ghalhekk mhux ikkontestat li f'dan iz-zmien u fis-sena 2006 il-konvenuta ikkommettiet adulterju ma' David Debono, dan gie ikkonfermat minn David Debono stess, mill-konvenuta stess u minn xhieda ohra li raw lill-partijiet flimkien. Il-Qorti hi tal-fehma li ghalkemm

kien diga' hemm problemi bejn il-partijiet, dan l-adulterju u l-allegazzjoni li l-konvenuta ghamlet fil-konfront ta' l-attur, komplew jiggravaw il-hajja matrimonjali b'mod li ghamlitha impossibbli ghall-partijiet biex ikomplu jghixu f'hajja matrimonjali serena.

Dwar l-allegazzjoni tal-vjolenza fizika li xehdet dwarha l-konvenuta, u li dwarha pprezentat zewg ritratti ta' ghajnejha, li ma juru xejn, il-Qorti tosserva li dawn l-allegazzjonijiet ma gewx issostanzjati sufficjentement.

Madanakollu l-Qorti temmen lill-konvenuta meta tghid li l-attur kellu problema ta' xorb, ghandu karattru difficli hafna u irraxxibbli u dan peress li hi ipprezentat diversi sentenzi decizi fil-konfront tal-attur minhabba agir inaccettabbli fil-konfront taghha. Dan wassal ukoll lill-konvenuta tibda tfittex kumpanija ta' ragel iehor, b'dan li l-hajja matrimonjali saret wahda impossibbli ghall-ahhar.

Dan premess u kkunsidrat, il-Qorti hija tal-fehma li z-zwieg bejn il-partijiet tkisser irrimedjabbilment, tort taz-zewg partijiet li, bil-komportament taghhom reciproku, irrendew impossibbli l-konvivenza matrimonjali. Ghaldaqstant iz- zewg partijiet ghandhom jinzammu ugwalment responsabbli ghat-tifrik taz-zwieg taghhom. Inoltre, il-Qorti tara li hemm lok ghall-applikazzjoni tas-sanzjonijiet elenkati fil-Artikolu 48 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta fil-konfront taz-zewg partijiet.

**<u>Dwar il-Kura u l-Kustodja tal-minuri u access ghall-attur</u>**

F'dan l-istadju ssir referenza ghall-kawza fl-ismijiet **M. Bonnici vs Onor J. Raynaud**[30] fejn gie dikjarat li "***Il-principju li ghandu jipprimeggja, meta l-Qorti tigi biex taghti provvediment dwar il-kura tat-tfal huwa dak li huwa suggerit mill-aktar utilita' u dak tal-aqwa vantagg ghall-interess tal-istess tfal***" kif ukoll ghall-kawza fl-ismijiet **Dr. V. Randon vs J. Randon**[31] u **Scifo Diamantino vs M. Scifo Diamantino**[32] fejn gie ritenut li "***r-regola generali f'din il-materja hi l-ahjar interess u vantagg tat-tfal***".

---

[30] Deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili 1947, Vol. 33D 1947
[31] Deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili 1972
[32] Deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili 1972

Il-qorti tirrileva li t-talba ta’ kura u kustodja ghandha tigi determinata u deciza skont il-principju tal-ahjar interessi tal-minuri.

Kura u kustodja tal-minuri K R

Il-Qorti tinnota li iben il-partijiet K R, iddecieda li jmur jghix ma’ l-attur, u dan kif ukoll ikkonfermat il-konvenuta fl-affidavit taghha li l-istess K R mar jghix mieghu. Mhux car kemm ghandu llum dan il-wild u jekk lahaqx l-eta maggorenni. Ghalhekk ghar-rigward ta’ dan it-tifel, il-Qorti tordna li l-kura u l-kustodja tat-tifel K R ghandha tigi fdata b’mod esklussiv f’idejn l-attur.

Kura u kustodja tal-minuri Y M u F

Ghar-rigward l-ulied l-ohra Y M u F, l-Qorti thoss li peress illi huma dejjem trabbew fid-dar t’ommhom u dejjem kienu maghha, li l-kura u kustodja taghhom ghandha tigi fdata esklussivament f’idejn il-konvenuta. Dan tenut kont ukoll tal-fatt li l-attur ftit li xejn ghandu kuntatt ma’ l-istess minuri u fl-istess waqt ,din il-Qorti ma tarax li jkun prattiku li l-konvenuta tkun trid kull darba tikkonsulta ma’ l-attur biex tiehu xi decizjoni fl-ahjar interess tal-minuri.

Access tal-missier ghal minuri Y M u F

Rigward l-access li l-attur ghandu jkollu ghall-minuri Y M u F l-Qorti thoss li minhabba l-allegazzjoni li saret fil-konfront tieghu, r-relazzjoni li huwa llum ghandu ma’ uliedu l-bniet sofriet hafna. Illi l-Qorti ma’ tistax tordna access jekk dan ma jkunx wiehed supervizjonat u dan peress li l-minuri ilhom ma jkunu esposti ghal missierhom, u dan ghandu jsir permezz ta’ l-ghajnuna ta’ nies professjonali.

Ghalhekk il-Qorti qeghda tordna li l-attur ghandu jkollu access ghall-minuri Y M u F taht is-supervizjoni ta’ l-Agenzija Appogg, nhar ta’ Erbgha bejn il-5pm sas-7pm u s-Sibt bejn l-10am u nofsinhar, liema hinijiet ghandhom jigu rispettatti.

**Dwar it-talba ghall-manteniment ta' l-ulied minuri**

F'dan il-kuntest il-Qorti qed taghmel referenza ghall-Artikolu 3 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta li jghid:

"*Il-partijiet fiz-zwieg ghandhom l-obbligu, kull wahda minnhom skond il-mezzi u l-hila taghhom, li jahdmu kemm fid-dar kif ukoll barra mid-dar kif jinhtiegu l-interessi tal-familja, li jmantnu lil xulxin u jikkontribwixxu ghall-htigijiet tal-familja*"

U ghall-artikolu 3B tal-Kap 16 tal-Ligjiet ta' Malta:

"*Iz-zwieg jimponi fuq il-mizzewgin l-obbligu li jiehdu hsieb, imantnu, jghallmu u jedukaw lil ulied li jigu miz-zwieg skond il-hila, xehtiet naturali u aspirazzjonijiet tal-ulied*."

u ghall-artikolu 7 (1) ta' l-istess Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta:-

"*Il-genituri ghandhom l-obbligu li jiehdu hsieb, imantnu, jghallmu u jedukaw lil uliedhom bil-mod stabbilit fl-artikolu 3 B ta' dan il-Kodici."*

Ghalhekk il-kontribuzzjoni ghall-manteniment ta' l-ulied ghandha tkun minn kull wiehed mill-genituri u tvarja minn kaz ghal kaz u jiddependi fuq il-mezzi rispettivi u l-bzonnijiet ta' l-istess minuri, pero' jibqghu veljanti l-principji li jirregolaw l-istess dmirijiet tal-genturi versu l-istess ulied, specjalment ghall-manteniment ta' l-istess fit-termini preskritti fl-artikolu 19(1) u (2) u l-artikolu 20 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta u ghalhekk jinkludu kontribuzzjoni ghall-ikel, ilbies, sahha u abitazzjoni u spejjez mehtiega ghall-istess sahha u edukazzjoni taghhom u skont il-bilanc bejn il-bzonn u l-mezzi ikkalkulati ai termini tas-subartikoli ta' l-istess artikolu 20 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti tirrileva wkoll li l-obbligu ghall-manteniment tal-ulied m'huwiex marbut bl-ebda mod mal-impjieg jew mal-introjtu tal-genituri izda huwa obbligu assolut. Fil-kaz odjern, ma ghandna l-ebda prova ta' introjtu, kemm ta' l-attur kif ukoll tal-konvenuta. It-tfal minuri huma prijorita' u jigu l-ewwel u qabel kollox, irrispettivament jekk il-partijiet ghandhomx

qliegh *o meno* din il-Qorti ser tghaddi biex tistabilixxi retta alimentarja li ghandha tithallas mill-attur lill-konvenuta bhala manteniment ghal uliedhom Y M u F.

F'dan il-kuntest, il-Qorti thoss li jkun ewku u gust li l-konvenut jigi ordnat li ihallas is-somma ta' mija hamsa u sebghin Ewro (€175) kull erba' (4) gimghat bhala manteniment ghal <u>kull wild minuri Y M u F</u>. Jigi rilevat li tali manteniment jinkludi fih spejjez relattivi mas-sahha u edukazzjoni ta' l-istess tfal. Il-Qorti thoss li fic-cirkostanzi jkun aktar prattiku li l-konvenut ihallas somma fissa fix-xahar milli jhallas nofs l-ispejjez ta' sahha u l-edukazzjoni bir-ricevuti, stante li r-relazzjoni bejn il-partijiet m'hix wahda tajba u tali arrangement ma jkunx wiehed prattiku. Il-Qorti tordna li dan il-manteniment ghandu jibqa' jitahallas sakemm il-minuri jaghlqu t-tmintax (18)-il sena. Jekk l-istess minuri sussegwentement isiru maggorenni u jkunu qeghdin jistudjaw fuq bazi *full-time*, allura tali manteniment ghandu jibqa' jithallas mill-konvenut sakemm l-istess minuri jieqfu jistudjaw fuq bazi full-time jew jilhqu l-eta ta' tlieta u ghoxrin (23) sena, skont liema eventwalita' ssehh l-ewwel. Ghalhekk, fic-cirkostanzi, il-Qorti qeghda tilqa' din it-talba fil-konfront tat-tfal minuri Y M u F. Dan l-ammont ghandu joghla kull sentejn skont l-indici tal-gholi tal-hajja.

**<u>Dwar it-talba ghall-applikazzjoni ta' l-Artikolu 48 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta</u>**

L-artikolu 48 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta jghid hekk:

*(1) Il-parti, ir-raġel jew il-mara, illi tkun il-ħtija tal-firda għal waħda mir-raġunijiet imsemmijin fl-artikoli 38 u 41 titlef -*
*(a) il-jeddijiet imsemmijin fl-artikoli 631, 633, 825, 826 u 827;*
*(b) dak kollu li tkun kisbet mill-parti l-oħra b'donazzjoni bi ħsieb taż-żwieġ, jew waqt iż-żwieġ, jew taħt titolu ieħor gratuwitu;*
*(ċ) kull jedd ta' parti miż-żwieġ għan-nofs tal-akkwisti illi jkunu saru l-aktar bil-ħidma tal-parti l-oħra wara data stabbilita mill-qorti bħala d-data meta l-parti għandha tkun kunsidrata li minnha tkun ħatja tal-firda. Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu biex jiġi determinat jekk akkwist ikunx sar l-*

*aktar bil-ħidma ta' waħda millpartijiet fiż-żwieġ, għandhom jitqiesu lkontributi b'kull mod taż-żewġ partijiet skont l-artikolu 3;*
*(d) il-jedd li iġġiegħel lill-parti l-oħra, f'kull każ, li tagħtiha l-manteniment bis-saħħa tal-obbligu li jitnissel miż-żwieġ.*

Din il-qorti, kif diga' kellha l-opportunita' li tiddikjara aktar 'il fuq, hija moralment konvinta sal-grad rikjest mil-ligi li l-firda bejn il-partijiet hija imputabbli liz-zewg partijiet u ghaldaqstant, il-qorti qieghda tapplika l-Artikolu 48(1)(a) u (d) kontra z-zewg partijiet.

**<u>Dwar it-talba ghax-xoljiment tal-komunjoni ta' l-akkwisti</u>**

<u>Propjeta' immobbli</u>

Illi ma hemm l-ebda dubju u ma hux ikkontestat li d-dar matrimonjali tal-partijiet Madonna tal-Karmnu, Triq Mons Guiseppe Camilleri, B'Kara hija propjeta' parafernali tal-konvenuta u ghalhekk ma hemm l-ebda bzonn ta' assenjazzjoni, madanakollu ghall-finijiet ta' kjarezza qieghed jigi dikjarat li din il-propjeta' hija propjeta' esklussiva tal-konvenuta.

<u>Propjeta' mobbli</u>

Illi l-konvenuta tixhed li l-partijiet ghandhom zewg karozzi, Daihatsu Terios u karozza Lada. Hija tghid ukoll li dawn iz-zewg karozzi qeghdin fil-pussess ta' l-attur, l-attur ma jikkontestax dan il-fatt u ghalhekk il-Qorti qeghda tordna li l-attur jibqa' fil-pussess ta' dawn il-karozzi. Valutazzjoni ta' dawn il-karozzi ma saritx ghaliex il-partijiet ma talbux tali valutazjoni, ghalhekk il-Qorti qeghda *abitrio boni viri* tikkalkula li dawn il-karozzi llum jiswew l-ammont komplessiv ta' elf u sitt mitt Ewro (€1600).

i) Ghalhekk il-Qorti qeghda tordna lill-attur ihallas lill-konvenuta s-somma ta' tmien mitt Ewro (€800), li jirrapprezentaw sehem l-attrici mill-imsemmija karozzi.

L-attur ipprezenta zewg faccati miktubin minnu ta' spejjez li huwa ghamel fid-dar qabel u wara z-zwieg, a fol 65 u fol 66 tal-process. L-ammont ta' spejjez li ghamel wara z-zwieg huwa ta' hamsa u ghoxrin elf

mija sitta u tletin Ewro u hdax-il centezmu (€25,136.11) u l-ammont ta' spejjez li ghamel qabel iz-zwieg huwa ta' sitta u ghoxrin elf mija disgha u hamsin Ewro (€26,159).

Il-Qorti ma tistax tiehu dawn il-valuri bhala prova, ladarba ma gewx ikkonfermati b'ricevuta fiskali, madanakollu l-konvenuta tammetti li l-konvenut qabel iz-zwieg hallas elfejn hames mija tlieta u sittin Ewro (€2563/Lm1100) ghat-tarag ta' l-irham u tlett elef mitejn tnejn u sittin Ewro (€3262/Lm1400) ghall-bibien. Il-Qorti fin-nuqqas ta' prova, meta ghandha zewg verzjonijiet kunfliggenti ghal xulxin, se jkollha toqghod fuq il-valur ammess mill-konvenuta.

ii) Ghalhekk il-Qorti qeghda tordna lill-konvenuta thallas lill-attur is-somma ta' hamest elef tmien mija hamsa u ghoxrin Ewro (€5825) rapprezentanti benefikati li l-attur ghamel fid-dar matrimonjali parafernali ta' l-attrici qabel iz-zwieg.

Rigward il-mobbli li ghadhom jinsabu fid-dar matrimonjali, dawn gew elenkati a fol 67 sa fol 71 tal-process, liema inventarju sar sussegwentement ghal mandat ta' deskrizzjoni, u ma giex ippruvat kif qed tghid il-konvenuta fir-rikors guramentat taghha, li hija bieghet din l-ghamara biex tghajjex l-uliedha, ghalhekk il-konvenut jehtieg li jithallas ta' sehmu minn dawn l-oggetti. Jidher ghalhekk li ghad baqa' diversi oggetti fid-dar matrimonjali, liema oggetti ma giex kontradett li inxtraw fiz-zwieg. Illi dawn l-oggetti ma gewx vaultati llum ghaliex hadd mill-partijiet m'ghamel it-talba biex jigu valutati u ghaldaqstant il-Qorti qeghda *arbitrio boni viri* tivvaluta dawn l-oggetti u l-ghamara fl-ammont ta' €35,000.

iii) Ghalhekk il-Qorti qeghda tordna lill-konvenuta thallas lill-attur is-somma ta' sbatax-il elf u hames mitt Ewro (€17,500), rapprezentanti l-oggetti u l-ghamara li nxtraw fiz-zwieg u li l-attur halla fid-dar matrimonjali parafernali tal-konvenuta meta gie zgumbrat minnha.

Il-partijiet ma ipprezentaw l-ebda prova li ghandhom xi flejjes jew investimenti f'isimhom, izda il-Qorti qeghda tordna li kwalunkwe dejn, kontijiet bankjari jew investimenti li l-partijiet ghandhom f'ishimhom

wahedhom ghandhom jinzammu minn dik il-parti li f'isimha ghandhom dawk id-djun, kontijiet bankarji jew investimenti finanzjarji.

**<u>Dwar it-talba ghar-restituzzjoni ta' l-oggetti parafernali lill-attur</u>**

Illi l-konvenut ipprezenta kuntratt li permezz tieghu ipprova li kellu garaxx parafernali u sussegwentement bieghu fiz-zwieg. Dan il-garaxx inbiegh ghall-valur ta' tmint elef lira Maltin (Lm8000/€18,640). Illi minn dawn il-flus, hemm ammissjoni min-naha tal-konvenuta (a fol 60 tal-process) li parti minnhom gew investiti fil-Middle Sea Life Insurance, li sussegwentement gew imsarrfa mill-attur u li l-attur gie mressaq il-Qorti dwarhom, u l-kumplament intefqu fil-komunjoni ta' l-akkwisti. L-ammont imsarraf mill-attur kien ta' tmint elef hames mija tnejn u erbghin Lira Maltin u tlieta u erbghin centezmi (Lm8542.43), ghalhekk peress li l-attur diga' ha fil-pussess tieghu l-ammont ta' €18,640 li kien gew mill-propjeta' parafernali tieghu, jifdal zbilanc ta' €1263.86/Lm542.43, favur il-komunjoni ta' l-akkwisti.

Ghalhekk il-Qorti, filwaqt li tordna lill-attur jzomm favurih is-somma ta' tmintax-il elf sitt mija u erbghin Ewro (€18,640) imsarrfa mill-Middlesea Valletta Life Policy numru FP416068[33], tordna lill-attur jhallas lill-konvenuta is-somma ta' sitt mija tnejn u tletin Ewro (€632) rapprezentanti sehemha mill-istess polza.

**<u>Decide</u>**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi din il-kawza billi:

1. tilqa' l-ewwel talba, u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet, stante li z-zwieg tkisser irrevokabbilment tort taz-zewg partijiet;

2. tilqa' t-tieni talba u tordna lill-attur jibda jghix separatament mill-konvenuta;

3. Tilqa' limitatament it-tielet talba kif fuq stabbilit u ordnat fis-sezzjoni

[33] Ara fol 143 tal-process

intestata *Dwar il-Kura u l-Kustodja tal-minuri u access ghall-attur;*

4. Tilqa' r-raba' talba kif fuq stabbilit u ordnat fis-sezzjoni intestata *Dwar it-talba ghall-manteniment ta' l-ulied minuri ;*

5. Tilqa' limitatament il-hames talba kif fuq stabbilit u ordnat fis-sezzjoni intestata *Dwar it-talba ghall-applikazzjoni ta' l-Artikolu 48 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

6. Tilqa' s-sitt talba u xxolji l-komunjoni ta' l-akkwisti u tillikwidaha u tassenjaha kif fuq stabbilit u ordnat fis-sentenza fil-parti intestata *Dwar it-talba ghax-xoljiment tal-komunjoni ta' l-akkwisti;*

7. Tilqa' limitatament is-seba' talba kif fuq stabbilita u ordnat fis-sezzjoni intestata *Dwar it-talba ghar-restituzzjoni ta' l-oggetti parafernali lill-attur;*

8. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tmien talba.

Kull parti thallas l-ispejjez taghha.